MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 989/2005

**Josephine Borg (ID 627961M)**
**vs**
**Loreto Borg (ID 442957M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Mejju, 2005, fejn intalab il-hlas ta' elf erba' mija u erbghin lira Maltija (Lm1440.00), rapprezentanti arretrati ta' manteniment minnu dovut ghall-perjodu mid-9 ta' April, 2003 sat-3 t'Ottubru, 2003, u cioe` perjodu ta' erbgha u ghoxrin (24) gimgha, bir-rata ta' sittin lira Maltija (Lm60.00) fil-gimgha ghaliha u ghaz-zewg uliedha minuri, u dan skond Digriet Numru 1294/99 moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fil-5 t'Ottubru, 1999, bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-3 ta' Gunju, 2005, fejn intqal illi t-talba attrici ghandha tigi michuda stante illi d-digriet li fuqu giet bazata din it-talba gie revokat.**
**Illi di piu`, l-attrici hi debitrici tal-konvenut kif jinghad fil-kontro-talba.**

**Ra l-kontro-talba tal-konvenut fejn intqal illi l-attrici qed tokkupa l-fond proprjeta` tal-konvenut minghajr ma thallas kera, u ghalhekk ma ghandu jhallas l-ebda ammont peress illi hi ghandha taghtih l-ammont ta' hamest elef u erba mitt lira Maltija (Lm5400) bhala kera ghall-uzu tal-fond Plot 9, Kirkop Road, Imqabba.**

**Ra r-risposta ghall-kontro-talba prezentata fil-21 ta' Gunju, 2005 fejn gie eccepit :**
**i. preliminarjament, l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal ratione valoris stante illi l-kontro-talba ghas-somma ta' hamest elef u erba mitt lira Maltija (Lm5400) tizboq il-kompetenza ta' dan it-Tribunal ;**
**ii. Bla ebda pregudizzju ghas-suespost, il-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-attrici rikonvenzjonata ma tokkupax il-fond « de quo agitur » b'titolu ta' kera u kwindi m'ghandha taghti xejn lill-konvenut rikonvenzjonant in linea ta' kera kif minnu pretiz ;**
**iii. Illi l-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi m'hemm l-ebda rabta kontrattwali ta' lokazzjoni bejn il-kontendenti;**
**iv. Illi f'kull kaz l-attrici rikonvenzjonata qed thallas wahedha kemm il-kera u l-konsum tad-dawl u l-ilma gravanti l-fond in kwistjoni u kif ukoll il-hlas lura tal-loan lil HSBC Bank Malta plc gravanti l-imsemmi fond ;**
**v. Illi l-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante li l-attrici rikonvenzjonata m'ghandha taghti xejn lill-konvenut rikonvenzjonant.**

**Ra l-veral tat-28 ta' Ottubru, 2005, li fih il-konvenut iddikjara li ghal fini ta' kompetenza l-ammont pretiz**

**minnu ma jissuperax l-elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500).**

**Semgha x-xhieda ta' Josephine Borg u ta' Loreto Borg. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**

**1. L-attrici qed titlob il-hlas ta' arretrati ta' manteniment lilha allegatament dovut fis-somma ta' elf erba mija u erbghin lira (Lm1440.00), ghall-perjodu mid-9 ta' April, 2003 sat-3 t'Ottubru, 2003, bir-rata ta' sittin lira Maltija (Lm60.00) fil-gimgha ghaliha u ghaz-zewg uliedha minuri, u dan skond Digriet Numru 1294/99 moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fil-5 t'Ottubru, 1999.**

**2. It-Tribunal qed jaghmel referenza ghad-decizjonijiet moghtija mit-Tribunal fil-kawza fl-istess ismijiet, u cioe` dik deciza fil-25 ta' Novembru, 2002 (Avv Nru. 1341/02EG) u dik deciza fid-19 ta' Mejju, 2005 (Avv Nru.1703/03JB) esebiti bhala Dok.JB2 u JB3 fil-process.**

**3. It-Tribunal ra d-degriet moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, cioe` dak riferit fl-avviz, li ordna li jithallas lill-attrici u uliedha r-rata ta' manteniment ta' sittin lira fil-gimgha.**

**4. Jirrizulta li ghall-perjodu li ghalih tirrelata t-talba dana l-ammont ma nbidilx u ghalhekk, bhala arretrati jibqa' dovut. Dana qed jinghad indipendentement mill-fatt jekk l-attrici kienetx tahdem jew le, ghax mhux kompitu ta' dan it-Tribunal li b'xi mod ivarja dak li gie deciz mis-Sekond Awla. It-Tribunal fir-rigward jaghmel referenza ghal Artikolu 253(a) tal-Kodici ta' organizazzjoni u Procedura Civili, kif gja sar fil-kawzi l-ohra. L-ammont ta' manteniment ghadu huwa dovut.**

**5. Il-konvenut ghamel kontro-talba fejn qed jghid li l-attrici ghandha thallas l-kera tal-fond Numru 9, Joslor, Triq Hal Kirkop, Mqabba. Il-konvenut jallega li hu kien xtara l-post u hi marret toqghod mieghu fih, u kienu zzewgu, u wara bdew proceduri ta' separazzjoni.**

**6. L-attrici kienet giet awtorizzata tibqa' fid-dar konjugali, u ma hemm xejn x'jindika li din ghandha thallas ta' dan, peress li ma jirrizultax li hi qed tirrisjedi hemm b'xi titolu ta' lokazzjoni. It-talba tal-konvenut hija ghall-kera, u din ma tirrizultax.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jichad il-kontro-talba tal-konvenut, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf erba' mija u erbghin lira Maltija (Lm1440.00), rapprezentanti arretrati ta' manteniment minnu dovut ghall-perjodu mid-9 ta' April, 2003 sat-3 t'Ottubru, 2003, kif fuq inghad, bl-imghax legali dekoribbli mill-10 ta' Mejju, 2005 sad-data tal-hlas effettiv.**
**L-ispejjez tat-talba u tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------